

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Diċembru 2012

li tinnomina laboratorju ta' referenza tal-UE għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer u li tħassar id-Deċiżjoni 2006/393/KE

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 8901)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/767/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE tad-29 ta' Settembru 2003 dwar miżuri tal-Komunità fuq il-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer li tirrevoka d-Direttiva 85/511/KEE u d-Deċiżjoni 89/531/KEE u 91/665/KEE u tammenda d-Direttiva 92/46/KEE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 69(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2003/85/KE tistipula miżuri minimi ta' kontroll li għandhom jiġu applikati fil-każ ta' tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer u ċerti miżuri preventivi bl-għan li jiżiedu l-kuxjenza u t-tħejjija mill-awtoritajiet kompetenti u mill-komunità agrikola għal dik il-marda.
- (2) Id-Direttiva 2003/85/KE tistipula, fost affarijiet oħra, li għandu jiġi nominat laboratorju ta' referenza tal-UE għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer sabiex iwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet stabbiliti fl-Anness XVI tiegħu.
- (3) Il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, ħarġet offerta għall-għażla ta' dak il-laboratorju ta' referenza tal-UE, waqt li qieset il-kriterji tal-kompetenza teknika u xjentifika u tal-kompetenza tal-persunal.
- (4) Wara t-tlestija tal-proċedura tal-għażla, il-laboratorju li ntgħażel, l-Istitut għas-Saħħa tal-Animali, Pirbright Laboratory sponsorizzat mill-Kunsill tar-Riċerka tal-Bijoteknoloġija u tax-Xjenzi Bioloġiċi (BBSRC), ġie nnominat, bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/393/KE <sup>(2)</sup>, bħala l-laboratorju ta' referenza tal-UE għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu ta' ħames snin li jibda mis-7 ta' Ġunju 2006.
- (5) Id-Direttiva 2003/85/KE tistipula wkoll li l-Kummissjoni għandha tirrevedi n-nomina tal-laboratorju ta' referenza tal-UE għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer fid-dawl tal-konformità tiegħu mal-funzjonijiet u d-dmirijiet ta' dak il-laboratorju speċifikat fl-Anness XVI tagħha.

(6) Il-valutazzjoni, mibdija mill-Kummissjoni u mlestija f'April 2011, ikkonkludiet li l-Istitut għas-Saħħa tal-Animali, Pirbright Laboratory, jaqdi sew il-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha tal-laboratorju ta' referenza tal-UE għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer kif stipulat fl-Anness XVI tad-Direttiva 2003/85/KE u tar-responsabilitajiet tal-laboratorji ta' referenza tal-UE kif stipulat fl-Artikolu 32(2) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-animalli u mar-regoli dwar il-welfare tal-animalli <sup>(3)</sup>.

(7) In-nomina ta' dak il-laboratorju bħala laboratorju ta' referenza tal-UE għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer għandha għalhekk tiġġedded għal perjodu ta' żmien indefinit.

(8) Barra minn hekk, ir-Renju Unit informa uffiċjalment lill-Kummissjoni li l-Istitut għas-Saħħa tal-Animali, Pirbright Laboratory, issa jismu Pirbright Institute.

(9) Biex jiġi evitat kull xkiel fl-attivitajiet tal-laboratorju ta' referenza tal-UE għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer, huwa xieraq li l-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni japplikaw retroattivament, mis-7 ta' Ġunju 2011.

(10) Għall-finijiet taċ-ċarezza u s-semplifikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, id-Deċiżjoni 2006/393/KE għandha tiġi revokata u sostitwita b'din id-Deċiżjoni.

(11) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

1. Il-Pirbright Institute, tal-Kunsill ta' Riċerka tal-Bijoteknoloġija u tax-Xjenzi Bioloġiċi (BBSRC) fir-Renju Unit, huwa nominat bħala l-laboratorju ta' referenza tal-UE għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer.

<sup>(1)</sup> ĠU L 306, 22.11.2003, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 152, 7.6.2006, p. 31.

<sup>(3)</sup> ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

2. Ir-regoli li jistabbilixxu l-funzjonjiet u d-dmirijiet tal-laboratorju ta' referenza tal-UE msemmi fil-paragrafu 1 huma stabbiliti fl-Anness XVI tad-Direttiva 2003/85/KE.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2006/393/KE hija b'dan revokata.

Ir-referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jiġu mifhuma bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tapplika mis-7 ta' Ġunju 2011.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kummissjoni*

Tonio BORG

*Membru tal-Kummissjoni*